MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 86/2004

**Philip u Marion konjugi Sant**
**vs**
**Joseph Gatt**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu ghaliex l-konvenut m’ghandux ikun ikkundannat ihallas l-ammont ta’ danni li komplessivament ma jaqbzux l-ammont ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5000) rapprezentanti hsarat fuq il-vettura tal-atturi bin-numru ta’ registrazzjoni EBB 476, valur ta’ kiri ta’ vettura, u danni personali ta’ natura permanenti fuq l-istess attrici li gab dizabilita’ permanenti, bhala konsegwenza ta’ incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta’ Marzu, 2002 ghall-habta ta’ 12.00pm fi Triq Durrumblat, Mosta bejn il-vettura Mitsubishi Strada misjuqa minnek bin-numru ta’ registrazzjoni EBB-476 misjuqa mill-atrici, ghal-liema incident kont responsabbli inti minhabba negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghek; Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja u

tal-ittra ufficcjali kontra l-assigurazzjoni tieghekipprezentata konestwalment ma dan l-avviz. Bl-imghax legali u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha ecepixxa illi huwa ma jahtix ghall-incident de quo u ma huwiex responsabli ghad-danni; bla pregudizzju illi l-attrici ma soffriet l-ebda dannu personali ta' natura permanenti; Bla pregudizzju u fi kwalsiasi kaz illi l-atturi ghandhom jippruvaw l-entita' tad-dannu li soffrew; Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghanhom jigu michuda bl-isepejjez kontra l-istess atturi; salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

**<u>Responsabilita' tal-incident</u>**:

Illi dwar ir-responsabilita' tal-incident ftit hemm x'jinghad. Il-Qorti thoss illi l-verzjoni tal-konvenut stess hija spjegazzjoni sufficjenti ta' dak li sehh meta l-istess konvenut jghid hekk: "kont ghaddej … wara Mrs Sant, xeghlet l-indicator fuq il-lemin, jien ippreparajt biex nghaddi minn warajha imma waqfet f'salt, forsti hasbet li ha tghaddi mbaghad ma ghaddietx u ppruvajt nghaddi minn warajha u indunajt li ma kienx hemm spazju, brejkjajt u l-pickup ma zammx u lqattha" (ara fol 61.) Meta mitlub jikkonferma li l-attrici zammet f'daqqa, l-konvenut ikkwalifika d-dikjarazzjoni tieghu u qal li hi kienet miexja normali, kienet ser iddawwar u waqfet, jiena hsibt li ha nghaddi minn warajha .. u m'ghaddejtx. (fol 62).

Illi minn ezami tal-assjem tal-provi, ma hemmx dubju illi l-konvenut huwa responsabbli ta' dan l-incident awtomobilistiku konsistenti f'tamponament mill-vettura tieghu fil-konfront tal-vettura ta' quddiemu propjreta tal-atturi.

## Danni:

## Damnum emergens:

L-atturi iddikjaraw illi sofrew danni li l-assikurazzjoni tal-konvenut irrifjutat li thallas. L-istess assikurazzjoni irrisarciet lill-atturi kwantu ghall-hsarat fil-vettura taghhom izda irrifjutat illi thallas ghall-ammont rapprezentanti kiri ta' vettura alternattiva fl-ammont ta' Lm72 kif ukoll hlas ta' pjanci tan-numru ta' registrazzjoni. Fl-ammont ta' L10. L-attur Philip Sant qal, fl-affidavit tieghu, illi huwa kera l-karozza minghand il-Pelican Garage u esebixxa ricevuti in sostenn ta' dan. Il-konvenut ma kkontestax dawn l-ispejjez li del resto jidhru ragjonevoli. Fl-affidavit taghha Dok MS1, l-attrici iddikjarat illi hallset is-segwenti flus bhala kura, u cioe erba sessjonijeit ta' terapija bit-Lm8-il wahda; Lm24 pilloli; Lm50 konsulent mediku u Lm200 ghall-ghajnuna fid-dar taghha peress illi ma setghetx ticcaqlaq u ghalhekk kollox fl-ammont ta' Lm306. Dawn l-ammonti ma kienux kkontestati mill-konvenut, jidhru ragjonevoli u korroborati minn rcevuti u ghalhekk il-Qorti qed taccetta l-istess bhala veritieri. Ghalhekk bhala ammont ta' danni attwali il-Qorti qed tilqa' t-talbiet attrici fl-ammont ta' Lm388 (Lm82 kwantu vettura u Lm306 kwantu spejjez medici);

## Lucrum cessans:

Illi l-attrici Marion Sant qed tikkontendi illi hija sofriet dizabilita' permanenti ta' 4%. L-espert mediku nominat mll-Qorti jikkonferma din id-dizabilita' u dan huwa konsonanti ma' dak illi ikkonstata il-konsulent inkarigat mill-attrici. Izda it-tabib tal-assikurazzjoni tal-konvenut huwa tal-fehma illi minkejja li l-konvenuta sostniet whiplash injury, hija ghandha tirkupra ghall-kollox minnha. Huwa kien ezamina lill-attrici fit-23 ta' Mejju 2005 izda l-espert tal-Qorti ezamina li-istess fl-11 ta' Ottubru 2004 meta kien ghadda bizzejjed zmien sabiex ikun stabilit jekk ghadhiex issofri kawza tal-incident. Il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-opinjoni tal-espert mediku minnha nomintat u ghalhekk qed taccetta id-dizabilita' tal-attrici fl-ammont ta 4%.

Illi in kwantu likwidazzjoni ta’ danni futuri, ikun rilevat illi l-attrici kellha 33 sena fid-data tal-incident u ghalhekk kellha aspettativa ta’ hajja lavorattiva ta’ 28 sena u meta dan ikun moltiplikat bil-minimum wage kurrenti ta’ Lm57.88 ghal-52 gimgha jammonta ghall-Lm84,273.28. Illi 4% ta’ dan l-ammont huwa Lm3370.93.

Illi din il-Qorti qed timxi fuq l-insenjament tal-Qrati taghna u cioe illi l-lump sum payment ta’ 20% ma jitnaqqasx mill-ammont ta’ danni futuri spettanti lill-vittma kif kontrarjamnet stabilit permezz tas-sentenza tal-Appell Civili **Buttler vs Heard (22/12/1967)** u dan ghaliex l-istess Qrati illum huma tal-fehma illi mhumiex marbuta mal-parametri ta’ din is-sentenza meta ic-cirkostanzi jitolbu (ara Bartolo vs Zammit Prim’Awla 30.04.01). Fil-kaz in dizamina li it-tnaqqis ta’ 20% fuq l-ammont stabilit mill-Qorti fuq perjodu ta’ 28 sena jammonta ghall Lm674.18 u tali tnaqqis ma jistax jitqies bhala gust tenut kont tal-ammont ta’ kumpens mifrux fuq medda ta’ aspettativa ta’ 38 sena.

Illi Qorti hi tal-fehma illi l-kumpens dovut lill-attrici Marion Sant bhala lucrum cessans huwa ta’ Lm3371 (l-ammont ta’ Lm3370.93 irritondat ghall-pratticita)

Ghalhekk tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kwantu ghal Lm 388 damnum emergens u kwantu Lm3371 lucrum cessans li ghandhom jithallasu mill-konvenut bl-imghax legali.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------